

[Paġna Ewlenija](#) > [Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji](#) > [Cyprus](#)

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn Ċipru



Ċipru

Imħallfin

Deskrizzjoni ġenerali

L-Iskola tat-Taħriġ Ġudizzjarju ta' Ċipru, stabbilita uffiċjalment fl-2020 (il-Liġi 101(I)/2020), hija responsabbli biex tipprovdi taħriġ lill-Ġudikatura Ċiprijotta, li bħalissa tammonta għal 130 Imħallf. Bħala Skola, il-fokus ewlieni tagħna huwa fuq it-taħriġ kontinwu li jinkludi suġġetti relatati mal-UE kif ukoll ħiliet tas-Sengħa tal-Imħallf u taħriġ dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Għall-kuntrarju ta' Skejjel oħrajn fl-Ewropa mhux tad-dritt komuni, li jipprovdu taħriġ lil Imħallfin apprendisti qabel il-ħatra, Ċipru huwa differenti fir-rigward li l-Imħallfin ma jagħmlux taħriġ qabel il-ħatra ġudizzjarja. Barra minn hekk, minħabba d-daqs tal-pajjiż u l-ammont żgħir ħafna ta' ħatriet ta' Mħallfin kull sena, ma huwiex dejjem fattibbli li jiġu organizzati attivitajiet ta' taħriġ inizjali għal għadd żgħir ħafna ta' Mħallfin. F'dan ir-rigward it-taħriġ inizjali ma huwiex offrut fuq bażi annwali jew fuq bażi frekwenti ħafna. Normalment l-Imħallfin ġodda jinħatru wara promozzjonijiet jew l-irtirar ta' Mħallfin oħrajn, għalhekk jista' jkun hemm biss ħatra waħda jew tnejn fis-sena. L-2020 u l-2021 kienu eċċezzjoni meta bejn 12 u 15-il Imħallf ġdid inħatru f'kull sena. Għalhekk mill-2020 konna kapaċi norganizzaw it-taħriġ inizjali.

Ladarba l-Imħallfin jinħatru, dawn jagħmlu kors ta' induzzjoni billi jagħmlu shadowing ta' Mħallfin superjuri. Wara l-kors ta' induzzjoni, jiġi pprovdut it-taħriġ inizjali, meta possibbli, lill-Imħallfin maħtura ġodda irrispettivament mill-ġurisdizzjoni. (Ara t-taqsimha "Format u kontenut tat-taħriġ inizjali" hawn taħt għad-dettalji). Dan isir fl-ewwel sena sa sentejn ta' ħatra ġudizzjarja. Ma ssir l-ebda differenzazzjoni fir-rigward tat-tip ta' Mħallfin għaliex it-taħriġ inizjali huwa magħmul minn Programm tas-Sengħa tal-Imħallf. It-taħriġ, meta offrut, huwa obligatorju u aħna nimmiraw għall-parteċipazzjoni ta' mill-anqas 15-il Imħallf.

Fl-aħħar, f'Ċipru, bħala pajjiż li jsegwi s-sistema tad-dritt komuni, il-Prosekuturi ma humiex meqjusa parti mill-Ġudikatura u għalhekk l-Iskola ma hijiex responsabbli għat-taħriġ tagħhom. Madankollu, l-Iskola tikkoordina l-parteċipazzjoni tagħhom fis-seminar ta' taħriġ tal-EJTN.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Kif imsemmi hawn fuq, it-taħriġ inizjali tal-Imħallfin f'Ċipru jsir wara l-ħatra ġudizzjarja. F'dan ir-rigward, ma hemmx kundizzjonijiet ta' aċċess jew proċedura ta' reklutaġġ għall-parteċipazzjoni fit-taħriġ inizjali għall-Imħallfin.

Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

L-Imħallfin maħtura ġodda jagħmlu kors ta' induzzjoni għal perjodu ta' bejn 10 ijiem u 15-il jum qabel ma jassumu d-dmirijiet uffiċjali tagħhom fis-sedja. Matul dan il-perjodu huma jkunu taħt is-supervizzjoni diretta ta' Mħallf tal-Qorti Suprema. L-Imħallf tal-Qorti Suprema jalloka lill-Imħallf maħtur ġdid lil President tal-Qorti li jkun responsabbli għall-programm tal-kors ta' induzzjoni, li jwieġeb kwalunkwe mistoqsija li titfaċċa matul dan il-perjodu ta' induzzjoni u jiggwidah fi kwistjonijiet ta' kuljum li jitfaċċaw fi proċeduri tal-qorti. Matul il-perjodu ta'

induzzjoni, l-Imħallfin maħtura ġodda jagħmlu shadowing tal-Imħallfin fil-Qorti, iżuru Reġistri tal-Qorti u jiltaqgħu ma' Mħallfin oħrajn.

Mill-2020, minħabba l-ammont ikbar ta' ħatriet ta' Mħallfin, aħna noffru s-Sengħa tal-Imħallef bħala parti mit-taħriġ inizjali tal-Imħallfin. Dan il-kors jinkludi taħriġ dwar l-Etika u l-Imġiba Ġudizzjarja, ir-Reżiljenza Ġudizzjarja, il-Preġudizzju Mhux Konxju u l-għoti ta' sentenzi *ex tempore*. L-Imħallfin huma mħarrġa mill-ħarrieġa ċċertifikati tal-Iskola li jużaw taħlita ta' ħiliet ta' tagħlim bħal preżentazzjonijiet, vidjos, eżerċizzji fi gruppi, studji tal-każ u diskussjonijiet plenarji.

L-imħallfin maħtura ġodda jintgħażlu wkoll biex jipparteċipaw fl-ERA, fl-EJTN u f'taħriġ ieħor barra mill-pajjiż ftit wara l-ħatra tagħhom.

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

Ċipru ma jsegwix dan il-mudell għall-Imħallfin. L-Iskola ma hijiex involuta, bi kwalunkwe mod, fil-proċess ta' reklutaġġ tal-Imħallfin. Kif imsemmi hawn fuq, it-taħriġ inizjali jsir wara l-ħatra ġudizzjarja, għalhekk ma huwiex pass fil-proċess ta' reklutaġġ. Ma hemmx eżamijiet finali jew proċess ta' reklutaġġ ulterjuri biex wieħed isir Imħallef. L-Iskola toħroġ ċertifikat ta' parteċipazzjoni li jiġi arkivjat fl-arkivji tal-Qorti Suprema u fil-fajls tal-iżvilupp personali tal-Imħallfin.

Prosekuturi

Dan il-kontenut ma ġiex ipprovdut.

■ L-aħħar aġġornament: 08/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.